wiċċ iż-żeblih u l-fahar;
wiċċ it-tiċhid u l-ghera
mahsul bl-gharaq u d-dmugh;
wiċċ ta' bniedem maghfus b'taghbija slaleb,
jiġġerra qalb l-uhux b'nifsu maqtugh;
wiċċ iż-żghużija minghajr lewn, midbiela;
wiċċ hawha mghawra hin bla waqt mid-dud;
wiċċ hieni jilma b'hajr il-Poeżija,
u fl-istess hin inixxi d-demm, mikdud.

Issa, bhal shaba rqiqa f'sema sajfi,
dak il-holm kollu benna ghadda u mar:
ghalxejn tibkih, ghalxejn tixxennqu qalbi
maghsura bhal lumija mill-imrar.
Iżda l-holm l-iehor kiebi
ta' wahx u qtigh-il-qalb
kien bhal żerriegha li fejn waqghet nibtet
u rmiet u kotrot... Fija
sabih u bnin ma baqa' xejn! Bi hsiebi
mill-ġdid ma nxettilhomx jiem it-tfulija;
W-anqas ma nsebbah wahx il-lum bit-talb!

Imma x-xewqa ma tmutx w-anqas id-dehra
fit-tifkira li ġġedded
dik il-ġenna ta' hajr mghajba biż-żmien:
id-dawl sabih ta' dik ir-Rebha t'ilu
jibqa' sa fl-eqqel dalma tat-Telfien.
Ghax jien ghadni waqtiet inhoss xi jghidli
li jekk f'ċokon l-imghoddi
insaltan ma nistax b'kobor il-lum,
nista' ma' dlam il-lum bil-jedd inxierek
id-dawl tal-bierah li jhajjarni nqum
u narġa' biss b'daw'l-versi u b'qalbi maghhom
insib dak it-terran
li m'ommi u ma' missieri fi tfuliti
kont nghammar fih, xi mkien ġo San Ġiljan.

12. 2. 51.



# LIL HIJA SALVU

*('F'gheluq is-sentejn tal-mewt tieghu)*

*Ta'* J. C. Friggieri

Mal-hemda tal-mejtin, fil-qabar kiesah,
Taht iċ-ċipress, 'il boghod mid-dar tistrieh:
Mid-dar u r-rabta ta' mhabbet is-safa,
Mill-ġabra li haddnitek bl-ohla ġieh.

Il-kenn battal li wrajk hallejt ġo qalbna
Ifawwar dmugh 'il hemm minn dawn l-ghajnejn,
Ghax bikri kien il-lejl tar-raqda tieghek,
U bikri t-tama taghna sfat fix-xejn.

Qatt aktar ma narak fil-loghob ferrieh
Ta' meta konna tfal bla dell ta' dnub,
B'artal miżghud bil-ward huġġieġa wahda
Bi xbiha wkoll ta' Dak li miet mislub.

U meta hiemda s-snin ghaddew minn fuqna,
U t-tnejn habbejna l-kotba, l-eghżeż hbieb,
Nitghaxxaq kont narak habrieki u tishar
Biex aktar titla' 'l fuq fid-dehen u l-hsieb.

Mal-halel u l-irwiefen taż-żghożija
Bil-hila wqaft, u b'rieda ta' l-azzar
Irbaht, 'ma d-dinja f'hidma ta' mibeghda,
Tisqik halfet, is-semm ta' dmugh l-imrar.

Is-Sid li dal-holqien il-kobor jixhed,
Li jfassal kollox b'id li ma tqarraqx
Ghal hdanu baghat ghalik, ghax f'dinja kiefra
Kien jaf li warda bhalek ma tixraqx.

Hemmhekk ma tilhqek qatt tal-ghadu l-ghira
Ghalik ma tinżel qatt xemx il-helsien,
Ghal dak li tak raddejt bil-mija f'mija
U rfajt bla lewma s-slaleb ta' kull żmien.

Mal-hemda tal-mejtin, fuq qabrek tghasses
Hemm Dik li fiha l-fidwa taghna nbdiet;
Hemm tibqa' tishar l-Omm ta' wlied iltiema,
Tistenna maghhom jum qawmien l-imwiet.

Lija, 8. 10. 50.